# MULEJJA

*Għax Tajjeb u Għani*
*Mulejja ħalaqni*
*W kollox b'xej' tani!*

...................................

*Mulej! Int ħlaqtni u tajtni*
*ġo moħħi d-deh'n, f'għajnejja*
*id-dawl biex nara. W qegħdtli*
*is-smigħ ġewwa widnejja!*

*W Int tifhem ta' ruħi*
*sa l-inqas għaxqa rqiqa!*
*kull ħsieb li nnissel f'moħħi!*
*Ta' qalbi kull ċaqliqa!*
* * *

*Min tani d-dawl f'għajnejja,*
*kif jista' ma jarani?!*
*Min qegħdli s-smigħ f'widnejja,*
*Kif jista' ma jismagħni!*

*Fl-imkejjen kollha dejjem*
*inqimek u kull ħin!*
*Mgħaġġeb fuq ħsebijietek*
*il-kbar!... fuqna l-bnedmin!*

R.M.B.